**KUNSILL TA'**
**L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 12 ta' Frar 2008 (27.02)**
**(OR. en,lt)**

**6261/08**

**CRIMORG 28**
**ENFOPOL 29**
**COMIX 118**
**ENFOCUSTOM 22**

**NOTA TA' TIFSIR**

| | |
|---|---|
| minn: | Rytis MARTIKONIS, Ambaxxatur, Rappreżentant Permanenti tal-Litwanja għall-Unjoni Ewropea |
| data meta waslet: | 30 ta' Jannar 2008 |
| lil: | Ivan BIZJAK, Direttur-Ġenerali, Direttorat-Ġenerali H (Ġustizzja u Affarijiet Interni) tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. preċ.: | 14258/07 CRIMORG 159 ENFOPOL 176 COMIX 915 ENFOCUSTOM 104 |
| Suġġett: | Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea - Dikjarazzjonijiet mil-Litwanja skond l-Artikoli 2(a) u 6(1) |

Għażiż Sur Bizjak,

Nitolbok issib mehmuża dikjarazzjoni mil-Litwanja skond id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea

(Formula ta' għeluq)

(iffirmata) Rytis MARTIKONIS

**MINISTERU TA' L-INTERN TAR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA**

Reġistru ta' Entitajiet Ġuridiċi Kodiċi 188601464 Šventaragio st. 2, LT-01510 Vilnius Tel. (8 5) 271 7154Fax (8 5) 271 8551 E-mail bendrasisd@vrm.lt Kodiċi tal-VAT LT886014610

**RIGWARD IL-FORNIMENT TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AWTORITAJIET KOMPETENTI U L-KUNTATTI FIR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA SKOND ID-DEĊIŻJONI KWADRU TAL-KUNSILL 2006/960/ĠAI**

Jekk jogħġbok innota li l-kunċett "awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi" imsemmi fl-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89, corrigendum ĠU L 75, 15.3.2007, p. 26) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Deċiżjoni Kwadru") tinkludi l-awtoritajiet li ġejjin:

1. ***Servizz ta' Investigazzjoni ta' Reati Finanzjarji fil-Ministeru ta' l-Intern***, kuntatt: Diviżjoni tar-Relazzjonijiet Internazzjonali tas-Servizz ta' Investigazzjoni ta' Reati Finanzjarji fil-Ministeru ta' l-Intern, Šermukšnių st. 3, LT-01106 Vilnius, tel. +370 5 2717460, fax +370 5 2717426;

2. ***Pulizija tal-Litwanja***, kuntatt: Bord tar-Relazzjonijiet Internazzjonali ta' l-Uffiċċju Litwan tal-Pulizija għall-Affarijiet Kriminali, Liepyno st. 7, LT-08105 Vilnius, Lithuania, tel. +370 5 2719900, fax +370 5 2719924, e-mail office@ilnb.lt;

3. ***Servizz ta' Investigazzjoni Speċjali tar-Repubblika tal-Litwanja***, kuntatt: It-Tieni Diviżjoni ta' l-Ewwel Dipartiment tas-Servizz ta' Investigazzjoni Speċjali tar-Repubblika tal-Litwanja, A. Jakšto st. 6, LT-01105 Vilnius, tel. +370 5 2663351, fax +370 5 2617793, e-mail jursenas@stt.lt;

4. ***Pulizija Militari tal-Forzi Armati tal-Litwanja,*** Pamėnkalnio st. 13, LT-01114 Vilnius, Lithuania, tel. +370 5 2103804, fax +370 5 2103807;

*5.* ***Dipartiment tad-Dwana fil-Ministeru tal-Finanzi,*** kuntatt: Ċentru għall-Ġestjoni tal-Komunikazzjoni tad-Dipartiment tad-Dwana, A. Jakšto st. 1/25, LT-01105 Vilnius, tel. +370 5 2616960, fax +370 5 2624478, e-mail budetmd@cust.lt;

6. ***Dipartiment tas-Sigurtà tal-Gvern fil-Ministeru ta' l-Intern***, Pamėnkalnio st. 21/4, LT-01114 Vilnius, tel. +370 5 2663111, fax +370 5 2663100;

7. ***Servizz Statali tal-Gwardja tal-Fruntieri fil-Ministeru ta' l-Intern***, Savanorių av. 2, LT-03116 Vilnius, tel. +370 5 2719305, fax +370 5 2719306;

Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru, jekk jogħġbok innota li l-kuntatt ċentrali li jistgħu jintbagħtulu talbiet f'każijiet urġenti huwa l-Bord tar-Relazzjonijiet Internazzjonali ta' l-Uffiċċju Litwan tal-Puliżija għall-Affarijiet Kriminali, li huwa disponibbli 24 siegħa kuljum għall-iskambju ta' informazzjoni permezz tal-kanali tas-SIRENE, l-Europol u l-Interpol (indirizz: Liepyno st. 7, LT-08105, Vilnius, Lithuania, tel. +370 5 2719900, fax +370 5 2719924, e-mail office@ilnb.lt).

**Deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet ta' l-awtoritajiet kompetenti**

**Is-Servizz ta' Investigazzjoni ta' Reati Finanzjarji fil-Ministeru ta' l-Intern** huwa responsabbli għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe reat kriminali kontra s-sistema finanzjarja li jkun qed jitħejja u għall-investigazzjoni ta' kwalunkwe tali reat kriminali li jkun qed jitwettaq jew li jkun twettaq.

**Il-Pulizija tal-Litwanja** hija responsabbli għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe reat kriminali li jkun qed jitħejja u għall-investigazzjoni ta' kwalunkwe tali reat kriminali li jkun qed jitwettaq jew li jkun twettaq.

**Is-Servizz ta' Investigazzjoni Speċjali tar-Repubblika tal-Litwanja** huwa responsabbli għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe reat kriminali relatat mal-korruzzjoni li jkun qed jitħejja u għall-investigazzjoni ta' kwalunkwe tali reat kriminali li jkun qed jitwettaq jew li jkun twettaq.

**Il-Pulizija Militari tal-Forzi Armati tal-Litwanja** hija responsabbli għall-prevenzjoni, l-iżvelar u l-investigazzjoni ta' reati u ksur ieħor tal-liġi f'territorji militari.

**Id-Dipartiment tad-Dwana fil-Ministeru tal-Finanzi** huwa responsabbli għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe kuntrabandu u reati kriminali oħrajn li jkunu qed jitħejjew u għall-investigazzjoni ta' kwalunkwe tali reat kriminali li jkun qed jitwettaq jew li jkun twettaq.

**Id-Dipartiment tas-Sigurtà tal-Gvern fil-Ministeru ta' l-Intern** huwa responsabbli għall-iżgurar tas-sigurtà personali tal-President tar-Repubblika tal-Litwanja, l-Ispeaker tas-Seimas tar-Repubblika tal-Litwanja, il-Prim Ministru tar-Repubblika tal-Litwanja u mistednin uffiċjali.

**Is-Servizz Statali tal-Gwardja tal-Fruntieri fil-Ministeru ta' l-Intern** huwa responsabbli għall-protezzjoni tal-fruntieri territorjali tal-Litwanja u għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali.